**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Mercieca**

Numru: 45/2010

Illum 12 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Mercieca,** ta' sitta u erbghin (46) sena, iben Anton u Rachael nee' Gatt, imwieled B'Kara, nhar l-14 ta' Mejju 1963, residenti fil-fond numru 34, St. Mary Street, Victoria u detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 298663(M), akkuzat talli f'Awsissu 2005, u sena ta' qabel din id-data, gewwa l-fond Flat 2, Pompei Court, Triq Barda, Marsalforn limiti taz-Zebbug, u/jew f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1. b'ghemil zieni, ikkorrompa lil bintu minuri Angie Mercieca li dak iz-zmien kellha 15-il sena.

2. eccita, ghin jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' bintu minuri Angie Mercieca li dak iz-zmien kellha 15-il sena.

3. bil-hsieb li jgieghel persuna ohra taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded lil dik il-persuna, cioe' lil Angie Mercieca.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 139) datata 21 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha baghat lill-imputat Joseph Mercieca biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikoli 18 u 203 (1)(c)(2)(3) u l-artikolu 197(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18 u 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 18 u 251 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 23, 31, 533 u 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tal-14 ta' Frar 2013 (*a fol.* 234 u 235), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Dicembru 2010, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016, il-*parte civile* pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub (a fol. 461 et seq.).

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2016, d-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub (a fol. 479 et seq.).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

**Dewmien ta' proceduri**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew fl-2010 fuq l-allegat kaz li sehh f'Awwissu 2005 u s-sena ta' qabel.

Din il-Qorti m'hijiex f'posizzjoni vantaggjuza bhal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u minhabba f'hekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hija stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Il-Qorti nnutat li fi tlettax (13) il-seduta biss instemghu xiehda. Xehdu hmistax (15) –il xhud, sebgha minn dawn xehdu aktar minn darba. F'sentejn shah bejn Frar 2013 u Marzu 2015 mill-atti ma jirrizultax li nstemghu xiehda.

**Fil-11 ta' Mejju 2010**

L-Ispettur Josric Mifsud (*a fol.* 17 *et seq*.), Angie Mercieca permezz tas-sistema awdiovisiva kontemporanja (*a fol.* 25 et seq.), Rosalie Mercieca (*a fol.* 84 *et seq*.);

**Fl-1 ta' Gunju 2010**

L-Ispettur Josric Mifsud (*a fol.* 99 *et seq*.), WPC109 Frances Portelli (*a fol.* 101 *et seq*.), PS1464 Michael Portelli (*a fol.* 104); Rosalie Mercieca (*a fol.* 105 *et seq*.);

**Fil-15 ta' Lulju 2010**

Angie Mercieca (*a fol.* 119 *et seq*.);

**Fis-17 ta' Frar 2011**

PS715 Lucian Gatt (*a fol.* 142);

**Fis-7 ta' April 2011**

PS715 Lucian Gatt (*a fol.* 150 *et seq*.);

**Fis-26 ta' Mejju 2011**

Fr. Dominic Sultana (*a fol.* 156 et seq.), Angie Mercieca (*fol.* 158), Fr. Domenic Sultana (*a fol.* 159 *et seq*.);

**Fid-19 ta' Lulju 2012**

Fr. Domenic Sultana (*a fol.* 203 *et seq.*);

**Fit-22 ta' Novembru 2012**

WPC109 Frances Portelli (*a fol.* 232 *et seq.*);

**Fl-14 ta' Frar 2013**

Rosaline Micallef (*a fol.* 236 *et seq.*);

**Fl-24 ta' Marzu 2015**

Rosalie Micallef (*a fol.* 344 *et seq.*);

**Fit-23 ta' Settembru 2015**

L-imputat Joseph Mercieca (*a fol.* 359 *et seq.*);

**Fit-2 ta' Dicembru 2015**

Saviour Cremona (*a fol.* 440 *et seq.*), Mario Grech (*a fol.* 444 *et seq.*), Marthese Zammit (*a fol.* 447 *et seq.*);

**Fis-26 ta' Jannar 2016**

Dr. Kevin Mompalao (*a fol.* 453 *et seq.*).

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

> *Huwa minnu illi l-kaz kien x'aktarx kompless u kien jeħtieg certa tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtiega biex il-process, mhux jintemm, izda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareg l-att ta' akkuza. Fil-fatt ezami tal-process ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-kaz jew minħabba l-volum ta' xhieda, izda minħabba l-mod kif il-process tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li process jibda u jintemm izda jitkarkar: il-gbir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-*

*Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urgenti u jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-process jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' rizorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-rizorsi kollha meħtiega biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal-gustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, izda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħazin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[1]

## L-allegazzjonijiet tal-*parte civile*

Skond il-*parte civile* l-allegat korruzzjoni sehh fi tlett okkazzjonijiet.[2]

Hija ma tatx id-dati ta' dawn l-incidenti, tghid li hija kienet qed tistudja ghall-O-Levels. Hija ma tidentifikax stagun, jew festa, jew xi haga ohra partikolari fis-sena.

L-ewwel incident kien meta darba kellha l-influenza u missierha (l-imputat) qalilha biex jaghmlilha l-VICKS u huwa qabad il-VICKS u ghorkilha ghonqha u sidirha.[3] Dan gara fil-kamra tas-sodda fejn

---

[1] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.
[2] *A fol* 29: "Kelli tlett (3) affarijiet li kienu kbar hafna."
[3] *A fol* 29-30.

hija u ohtha kienu jorqdu[4]. Is-sodod taghha u ta' ohtha kienu maghqudin ma' xulxin[5]. Sabiex jaghmlilha l-VICKS missierha xeghel id-dawl[6]. Meta mistoqsija jekk missierha qabel kienx ukoll ghamlilha l-VICKS meta kienet ma tiflahx irrispondiet "*Ma niftakarx*", u meta mitluba tipprova tiftakar tghid "*Ma niftakarx. Jekk xi darba ghammilli zgur li ma qghadx…b'dan il-mod.*"[7]

It-tieni incident kien meta l-*parte civile* kellha xi hafas ma' daharha u ma' zaqqha u missierha mar biex jara dawn il-hafas u qabdilha koxxitha u messielha. Dwar din l-okkazzjoni Angie Mercieca tghid li kienet ommha stess li nfurmat lil missierha li hija kellha l-hafas.[8] Skond hi, missierha mar biex jara dawn il-hafas u qallha biex tgholli l-flokk u hija gholliet il-flokk sa taht sidirha[9] u huwa ma messiex izda messilha saqajjha[10].

Dwar it-tielet incident il-*parte civile* tallega li missierha kien jinhasel bil-bieb gieli mbexxaq u gieli miftuh u darba minnhom kien talabha iggiblu qalziet ta' taht "*u sakemm kont qed naghlaq il-kexxun dahal fuqi imma ma kellux xugaman*". Tghid ukoll li missierha kien jara l-*porn* fuq it-*television* u meta kien ikun bix-xugaman kienet tarah jaqbad il-parti tieghu waqt li jibqa' bix-xugaman.

**Min ghamel ir-rapport ghand il-pulizija?**

Il-Qorti bhala punt tat-tluq pruvat tara min ghamel ir-rapport li wassal ghal dawn il-proceduri.

---

[4] *A fol* 30.
[5] *A fol* 62 u a fol. 265
[6] *A fol* 62-63
[7]*A fol* 63
[8] *A fol* 31 – "*Ommi kienet qaltlu*".
[9] *A fol* 32 tal-process.
[10] *A fol* 68: "Qorti: *Jigifieri meta inti ghollejtlu l-flokk, ma missekx.* Xhud: *Le dakinhar le.*"

L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud, il-*parte civile*, u l-omm jghidu li kienet il-*parte civile* li minn jedda ghamlet ir-rapport kontra missierha f'Mejju 2010.

Mix-xiehda tas-surgent PS715 Lucian Gatt jirrizulta li kienet l-omm, u mhux it-tifla, li marret l-Ghassa tal-Pulizija u ghamlet ir-rapport. Fir-rapport tal-PIRS jinghad:

> *"Fis-sitta (6) ta' Mejju 2010, Rosalie Mercieca giet l-ghassa tar-Rabat fejn irrappurtat li t-tifla taghha, Angie Mercieca, ta' ghoxrin (20) sena, xi hames (5) snin ilu kienet giet abbuzata minn missierha, certu Joseph Mercieca, gewwa d-dar taghhom go Marsalforn, meta kien ikun haw, meta jara porn films."*[11]

Fil-PIRS report hemm imnizzel li "*Person Filing Report 1*" hija "*Rosalie Micallef*". Micallef huwa l-kunjom ta' Rosalie Mercieca meta kienet xebba u mill-gdid wara li sseparat minn zewgha l-imputat.

Il-*parte civile* qalet li marret l-Ghassa tal-Pulizija ghax baghtu ghaliha:

> *"**Qorti**: Tista' tispjega ghaliex mort l-ghassa tal-pulizija?*
> ***Xhud**: Ghax qaluli biex immur"*[12]

Dwar jekk kinitx taf jew le, ghalfejn sejra l-ghassa tal-pulizija qalet hekk:

> *"**Il-Qorti:** Ma tafx ghalfejn baghat ghalik? Taf jekk il-mama kienitx ghamlet xi rapport l-ghassa?*
> ***Xhud**: Le."*[13]
> *"**Il-Qorti**: Inti taf ghaliex il-mama issa, dan l-ahhar marret l-ghassa?*

[11] *A fol.* 146
[12] *A fol.* 25 .
[13] Ibid.

***Xhud**: Le, li qaluli fis-sens qaltli, "il-pulizija jrid ikellmek".*
***Dottor Emmanuel Mallia**: U ma qaltlekx fuq xhiex possibli?*
***Il-Qorti**: Imma qaltlek li kienet ser tmur l-ghassa tal-pulizija?*
***Xhud**: Le, qaltli li l-pulizija jrid ikellimni fuq xi theddid.*
*[…]*
***Il-Qorti**: Mhux wara li ghamlet ir-rapport il-mama baghat ghalik l-ispettur?*
***Xhud**: Ma nafx li sar rapport."*[14]

L-Ispettur Josric Mifsud[15] xehed li fil-5 ta' Mejju 2010 huwa kien qieghed ikellem lil Rosalie Micallef, omm il-*parte civile* fejn stqarret li kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni u zewgha kien qieghed jheddidha li ser ipattihielha u hija qaltlu li kienet bintha l-*parte civile* li semghet dan il-kliem. L-Ispettur informa lil Rosalie Mercieca li ried ikellem lil bintha.

L-Ispettur jghid li kellemha l-ghada 6 ta' Mejju 2010 fil-prezenza tal-Kuntistabbli:

*"F'dan l-istadju stajt ninnota li t-tfajla kienet tense. Bdejt inkellima, semmietli dawn il-fatti ta' vjolenza li kien hemm li mhumiex proceduri f'dan il-kaz, li kien hemm bejn missierha u ommha, u hin minnhom it-tifla blokkat. Stajt ninnota li kien hemm xi haga li mhix qieghda sew; komplejt nistaqsiha x'kien garalha, staqsejtha jekk kienx hemm xi affarijiet ulterjur, forsi vjolenza fil-konfront taghha, pero` f'dak l-istadju semmietli mbghad illi missierha fil-passat barra li kien ghamillha avvanzi sesswali fil-konfront taghha, kien ukoll joqghod jara materjal pornografiku fil-prezenza taghha meta dak iz-zmien kellha hmistax-il (15) sena, kif ukoll missha – mill-inqas kien hemm zewg okkazjonijiet fejn missha physically – darba minnhom missilha sidirha u meta staqsejtha f'liema sens missielha sidirha, hi ddikjarat li qaghad jilghab ma' sidirha , kif ukoll darba ohra, qaltli missilha l-koxxa, iktar 'il fuq mill-irkoppa, sew iktar 'il fuq mill-irkoppa fil-fatt.*

---

[14] *A fol.* 74-75
[15] *A fol.* 17-20

*Meta staqsejtha tikkonfermali f'liema sens missilha l-koxxa qaltli mhux fis-sens kemm missli l-koxxa, pero` ulterjuri. Staqsejtha ukoll diversi affarijiet, per ezempju, darba minnhom semmitilha li missierha kien qed jiehu shower fil-kamra tal-banju, baghtha ggiblu l-hwejjeg ta' taht, fid-daqqa u l-hin sabitu gharwien warajha fil-kamra tas-sodda u li missierha kellu l-attitudni li jigri b'xugaman ckejken imgezwer mieghu u fil-fatt il-partijiet intimi kienu jkunu jidhru minn kullimkien."*

**L-isfond tal-kaz**

Il-Qorti nnutat li dan il-kaz ra d-dawl waqt li kienet ghaddejja separazzjoni bejn l-imputat u martu. Is-sekwenza (*time-line*) ta' kif giet prezentata f'din il-kawza hija din:

- F'April 2009 l-imputat ma jibqax jghix fid-dar matrimonjali[16].
- Fl-10 ta' Settembru 2009 tintbaghat ittra mill-avukat ta' Rosalie Mercieca lir-Registratur tal-Qrati ta' Ghawdex sabiex jinghata bidu ghal proceduri ta' separazzjoni[17].
- Dikjarazzjoni ta' gheluq ta' medjazzjoni ghaliex il-konjugi ma kinux waslu ghal ftehim dwar separazzjoni bonarja datat 6 ta' Mejju 2010[18]. Dakinhar stess sar ir-rapport li wassal ghal din il-kawza.
- Fil-5 ta' Mejju 2010 l-Ispettur Josric Mifsud kien infurmat minn Rosalie Mercieca li kienet ghaddejja min proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha. Hija kienet qeghda tigi mhedda minn zewgha permezz ta' messagg li kien ghaddielha ma' bintu Angie Mercieca. L-Ispettur sahaq li jkellem lil Angie Mercieca peress li kienet hi li semghet dawn il-kliem u mhux ommha[19].

---

[16] Mix-xhieda ta' l-imputat *a fol.* 366
[17] Mix-xhieda ta' Rosalie Mercieca *a fol.* 410
[18] DOK JM6 *a fol.* 412
[19] Mix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud *a fol.* 17

- Bejn il-5 u s-6 ta' Mejju tas-sena 2010 – Rosalie Mercieca cemplet lil bintha sabiex tghidilha li l-Ispettur Josric Mifsud xtaq ikellimha. Angie Mercieca tghid li ommha qaltilha li ried ikellimha *"Minhabba t-theddid. U fil-fatt qaltli – ha nghid il-verita` issa – qaltli, "tghidlux, issemmilux b'tal-abbuz. Ghalhekk bdejt nghid le fil-bidu."*[20]

- Fis-6 ta' Mejju tas-sena 2010 l-ispettur Josric Mifsud kellem lill-*parte civile* Angie Mercieca rigward it-theddid li kien sar minn missierha fil-konfront ta' ommha. Kien hawn li l-Ispettur Josric Mifsud innota li "*it-tfajla kienet tense*", u "*li kien hemm xi haga li mhix qieghda sew*" u sar jaf li fil-passat missierha Joseph Mercieca kien ghamel avvanzi sesswali fil-konfront taghha[21].

- Nhar is-7 ta' Mejju 2010 – Tressaq b'arrest l-imputat Joseph Mercieca fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Istruttorja.

- Sar mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-imputat mill-ekx mara tieghu nhar it-12 ta' Mejju 2010 quddiem il-Qorti tal-Familja[22].

- Sar mandat ta' inibizzjoni kontra l-imputat mill-eks mara tieghu nhar it-12 ta' Mejju 2010 quddiem il-Qorti tal-Familja[23].

- Sar mandat ta' qbid kontra l-imputat mill-eks mara tieghu nhar it-12 ta' Mejju 2010 quddiem il-Qorti tal-Familja[24] u li gie esegwit l-ghada stess fit-13 ta' Mejju 2010.

- Infethet kawza ta' separazzjoni maghmula minn Rosalie Mercieca, l-eks mara tal-imputat kontrih datata 24 ta' Gunju 2010[25].

Omm il-*parte civile* u mart l-imputat waqt li kienet qeghda tixhed f'dawn il-proceduri qalet:

---

20 Mix-xhieda tal-*parte civile a fol*. 79
21 Ibid. *a fol*. 272
22 DOK JM7 *a fol*. 413
23 DOK JM8 *a fol*. 416
24 DOK JM11 *a fol*. 421
25 DOK JM12 *a fol*. 423

*"jien kont ilni sena u nofs nipprova nirranga bis-sew minhabba t-tfal biex ma jkunx hemm glied, pruvajt, ma stajtx insib tarf, eqq, kont qed nghejjixhom jien bil-paga tieghi, biddilt ix-xoghol ghall-mitt ewro (€100) iktar biex nghixu, imbaghad wara sena u nofs qtajt qalbi. Qabbadt avukat iehor, biex ikolli tnejn, u ghidtilhom "jien se nibda u se jkun hemm il-glied ghax jien se niggieled ghan-nofs tieghi"*[26]

Id-Difiza tenfasizza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha dwar ir-relazjonijiet extra-maritali li kellha mart l-imputat u li wasslu biex ir-relazzjoni ta' bejniethom tispicca.

Ghalkemm omm it-tifla taghzel li ma titkellimx dwar dawn ir-relazzjonijiet extra-maritali it-tifla stess Angie Mercieca tikkonferma dan fis-segwenti brani mit-testimonjanza taghha:

Folio 51: "**Dottor Emmanuel Mallia**: Hija taf illi missierha gieli gie d-dar wara x-xoghol u ommha tidhol fis-saghtejn u t-tlieta ta' filghodu (2.00am – 3.00am)? **Xhud**: Iva"

Folio 52: "**Dottor Emmanuel Mallia**: Kien isir. U nghid sew illi l-papa kien jibqa' jistennieha lill-mama u gieli giet anke fis-sakra? **Qorti**: Ha naraw naqra *background*, biex naghti *background* ukoll x'qed jigri. Darba dahlet fis-sakra l-mama? **Xhud:** Darba rajtha mejta mal-art hemm barra. **Dottor Emmanuel Mallia**: Rajtha mal-art fis-sakra hemm barra? Min gabarha? U jekk gheniex missierek? **Xhud**: Missieri"

Folio 80: **Dott Emmanuel Mallia**: Domanda wahda jekk joghgbok. Ghal li jista' jkun meta l-mama u l-papa kienu jiggieldu u kienet iddum hafna barra, il-papa kien jghidilha jew jallega illi din kellha relazzjoni ma' wiehed pulizija? **Xhud**: Iva….**Il-Qorti**: Inti kont taf dwaru dan il-fatt? **Xhud**: Pulizija George mhux. **Dottor Emmanuel Mallia**: Gieli rajthom flimkien inti stess? **Qorti**: Rajtha ma' dan il-pulizija George jigifieri? **Xhud**: Iva."

Dawn ikomplu jikkorroboraw dak li xehed dwaru l-imputat a folio 365 tal-process, fejn huwa kien skopra, u Rosalie imbaghad kienet ammettiet, li kellha x'taqsam ma' tlett (3) irgiel u kien hafrilha t-tlett (3) darbiet. Ghalkemm dan il-fatt dwar tlett irgiel differenti, it-tifla ma

[26] *A fol.* 84

ssemmiehx (probabilment ghaliex l-omm stess ma urithiex), l-imputat isemmi wkoll il-fatt li Rosalie kienet ammettiet mieghu li kellha wkoll x'taqsam mal-Ispettur Mifsud.

Interessanti f'dan il-punt (u b'risposta wkoll ghan-nota tas-sottomissjonijiet tal-parte civile f'pagna 13, fl-ewwel paragrafu fejn tissemma r-relazzjoni li kellha Rosalie ma' "Josric"), kif Rosalie Mercieca kull darba li tixhed u tirreferi ghall-Ufficjal Prosekutur hija dejjem tirreferi ghalih b'mod informali ghall-ahhar u tirreferi ghalih semplicement bhala "Josric" minflok bhala "Spettur". Dan meta suppost, skond Rosalie stess, hi qatt ma kienet tkellmet mal-Ispettur qabel il-kaz. Hi tghid ukoll li meta fil-5 ta' Mejju 2010 marret l-Ghassa tar-Rabat Ghawdex, dik kienet l-ewwel darba li marret hemm, u haga tal-iskantament minflok ma staqsiet ghall-Ispettur tal-Ghassa in generali (ghaliex jekk ma kinitx tafu multo magis ma kinitx taf min kien l-Ispettur tal-Ghassa) hija sorprendentament tidhol l-Ghassa u tistaqsi ghal "Josric". – Istanzi ohra huma misjuba a folio 106 "jekk inti trid Josric irid ikellmek."; Folio 305 "U Josric qalli…."; folio 307 – 308 juru kif Rosalie, fuq semplici rapport ta' theddid (skond hi) dahlet l-Ghassa, u minflok ma mxiet mal-procedura u ghamlet rapport mas-surgent li jkun mar-*reception* staqsiet direttament ghall-Ispettur li kienet tafu b'ismu u b'certu familjarità ghaliex tammetti hi stess li: "staqsejt ghal Josric hu."

Id-difiza ssostni li kienet l-omm li bdiet dan il-process *"u dan wara li kienu ghaddew iktar minn 5 snin mill-allegat abbuz; wara li l-allegat awtur ta' dan ir-reat kien telaq minn jeddu mid-dar matrimonjali[27]; u wara li t-tifla ta' 20 sena xorta wahda minn jedda kienet baqghet tmur izzuru"* ghaliex riedet tuza dawn il-proceduri sabiex konvenjentament ghaliha tiehu dak kollu li trid fil-proceduri tas-separazzjoni.

## L-Ufficjal Prosekutur "originali[28]"

[27] Minhabba li l-mara tieghu kien qed ikollha relazzjonijiet ohra barra z-zwieg

[28] L-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud inbidel u kompla jmexxi l-kaz l-Ispettur Bernard Charles Spiteri wara ordni li kien ta l-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien John Rizzo, L-Ispettur Spiteri meta mistoqsi ghaliex iddahhal hu fil-kaz qal li hu rcieva ordni mill-Kummissarju Rizzo biex jiehu *over* hu tal-kaz izda ma kienx jaf ir-raguni ghaliex.

Ir-rapport dwar allegat korruzzjoni ta' minorenni dahal, skond il-PIRS *report*, fis-6 ta' Mejju 2010 liema allegata korruzzjoni sehhet 5 snin qabel. F'dik il-gurnata stess, l-imputat jigi arrestat u f'inqas minn 24 siegha jitressaq il-Qorti b'arrest.

Dakinhar li sar ir-rapport, missier il-*parte civile* ma kienx qieghed jghix fl-istess post maghha. Il-*parte civile* ghamlet l-ahhar sena u nofs izzur lil missierha meta bejn il-genituri taghha kienet ghaddejja separazzjoni.

Mill-provi li ressqet il-pulizija ma jidhirx li saret l-ebda tfittxija fid-dar residenzjali tal-imputat fiz-zmien tar-rapport u dan wara li l-*parte civile* allegat li meta l-imputat kien jghix fid-dar matrimonjali dan kien jara l-films pornografici u dan sabiex jara jekk kienx ser isib films pornografici. Lanqas ma saret tfittixija dwar xi *typewriter* li seta' kellu l-imputat, jekk l-ittra[29] esebita f'dawn l-atti mill-*parte civile* kienet tezisti fid-data li sar ir-rapport.

Din il-Qorti ghandha mistoqsijiet kbar dwar kif zvolga dan il-kaz, dwar kif saret l-investigazzjoni u dwar kif waqt il-proceduri inbidel l-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti tghid bla tlaqliq li f'dan il-kaz kien hemm tracci ta' konflitt ta' interess mill-Ufficjal Prosekutur u hemm mistoqsijiet validi li l-Qorti ma sabitx twegiba ghalihom fil-process, fosthom ghaliex oht il-*parte civile* ma tressqitx bhala wahda mix-xiehda meta wiehed mill-allegati abbuzi sar fl-istess kamra fejn kienet rieqda hi hdejn ohtha.

Il-Qorti f'gieh it-trasparenza xtaqet tkun taf ghaliex tnehha l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud mill-kaz u talbet sabiex il-Pulizija taghti r-raguni u tipprezenta kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li saret biex waslet ghal din id-decizjoni. Il-pulizija wiegbu li l-Kummissarju tal-Pulizija ghandu dritt li jibdel l-Ufficjal Prosekutur. Il-Qorti mhix ha ccahhad lill-Kummissarju tal-Pulizija

[29] Se ssir referenza ghal din l-itra aktar 'l quddiem.

minn dan id-dritt imma huwa fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja li tkun taf ir-ragunijiet ghaliex tnehha l-Ufficjal Prosekutur, raguni li tista' timpingi fuq dak li sehh jew x'interess kien hemm.

Il-Pulizija wiegbu li l-*Human Resources file* konċernanti l-membri tal-Korp tal-Pulizija huwa dossier amministrattiv intern tal-Korp tal-Pulizija u li fih dokumenti u informazzjoni kunfidenzjali ferm fosthom rakkomandazzjonijiet u korrispondenza interna rigwardanti l-membri kif ukoll konsultazzjonijiet u deliberazzjonijiet strettament kunfidenzjali li jkunu saru fil-kors tal-operat tal-Awtorita' Pubblika;

Ziedu li bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Kap 496 tal-Liġijiet ta' Malta (Liberta' tal-Informazzjoni), jeżenta lill-Awtorita' Pubblika milli tiżvela *working files* interni ta' natura amministrattiva fejn *inter alia* jkun fih opinjonijiet, pariri u rakkomandazzjonijiet.

Il-Qorti hadet nota ghal dak li ntqal fis-sottomissjonijiet finali tal-*parte civile* dwar it-twegibiet li ta l-imputat waqt l-istqarrija.

> L-imputat fl-istqarrija tieghu huwa gie mistoqsi s-segwenti:
>
> *M. Ara illum waqt li l-pulizija kienu qed jitkellmu mat-tfal tieghek fuq xi investigazzjoni irrizulta li fil-passat int kont tajt fastidju ta' natura sesswali lit-tifla tieghek. X'ghandek xi tghid ghal dan il-fatt?*
> *R. Ghal liema tifla? Gejt mwiegeb li ghal kbira. Nghid li ma hemm xejn ta.*
>
> Sussegwentement huwa gie mistoqsi s-segwenti:
>
> *M. Jekk nghidlek li inti xi drabi kont taqbad sider bintek Angie minn taht il-flokk li dak iz-zmien hellha 15-il sena kif sejjer twiegeb?*
> *R. Tridx inkompli l-qorti ahjar ma niflahx izjed.*
> *M. Dawn id-domandi qed jweggawk?*
> *R. Narawhom il-qorti issa.*
> *M. Jigifieri int qed tinneggaha dawn l-allegazzjonijiet ta' wliedek?*

*R. Mmorru il-Qorti ahjar.*

*M. Hemm xi haga li hija vera minn dawn l-affarijiet li ntqalu kontra tieghek?*
*R. Sa Fejn naf jien le.*

Il-kliem li ghazel l-imputat fl-istqarrija tieghu f'dan il-mument, mument uniku fejn ma kellux l-opportunita` li jipprepara risposta ghad-domandi li gew maghmula lilu jitfa' dawl fuq il-htija tieghu. M'hemmx cahda kategorika tal-imputat meta mistoqsi dwar fastidju ta' natura sesswali li ta lil bintu, huwa sempliciment jistaqsi ghal-liema tifla l-Pulizija Ezekuttiva kienet qieghda tirreferi. Sussegwentement meta rega' gie mistoqsi serje ta' domandi dwar dawn l-allegazzjonijiet huwa jaghzel li jhalli f'idejn il-Qorti.

Fil-bidu tal-istqarrija tal-imputat[30], hemm imnizzel li l-imputat kien tkellem mal-avukat tal-ghazla tieghu Dr. Kevin Mompalao, u li konsegwentement kellha tiskatta l-inferenza.

Jirrizulta li l-imputat meta kien arrestat ma ha l-ebda parir minghand l-ebda avukat. Il-fatt li l-imputat ma tkellem mal-ebda avukat huwa konfermat mhux biss minnu stess meta ta d-deposizzjoni tieghu quddiem dina l-Qorti, izda johrog ukoll mill-verbal tal-prezentata stess[31]. Waqt il-prezentata Dr. Kevin Mompalao ivverbalizza li huwa ma kienx kellem lill-imputat meta dan tal-ahhar kien arrestat, u kull ma ghamel l-avukat kien li informa lill-kuntistabbli u lill-Ispettur li huwa ma xtaqtx ikellem lill-imputat u infatti ma kellmux.

L-Ufficjal Prosekutur, rinfaccat b'din id-dikjarazzjoni, jaghmel verbal fejn jiddikjara li Dr. Kevin Mampalao ma tkellimx mal-imputat meta dan kien arrestat.

[30] *A fol.* 5
[31] *A fol.* 2

Id-difiza dwar dan il-punt issostni li *"dan però juri b'mod car u lampanti, l-attegjament skorrett u, bir-rispett, kundannabli li l-ispettur Mifsud kellu fil-konfront tal-imputat waqt l-investigazzjoni. U huwa f'dan id-dawl ukoll li wiehed irid iqis mhux biss it-twegibiet li ta fl-istatament, izda wkoll l-andament tal-"investigazzjoni" kollha li wasslet ghal kaz odjern. Mhijiex ghalhekk haga tal-iskantament li l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija li rrilaxxa.*

Il-Qorti tistenna li l-Ufficjali Prosekuturi jkunu aktar precizi fix-xoghol taghhom ghaliex dan jista' jkollu konsegwenzi serji hafna fi process ta' natura penali.

Id-difiza tkompli tattakka l-mod kif l-Ispettur ghamel l-istharrig tieghu:

> Dwar l-istatement anke minn certu domandi stess jidher li l-imputat kien qed jigi zgwidat il-hin kollu specjalment anke meta l-istess Ufficjal Prosekutur lanqas biss qallu bl-ezatt x'kienu l-allegazzjonijiet. Infatti, filwaqt li l-kaz in kwistjoni, l-imputazzjonijiet jirrigwardaw lil Angie, l-Ispettur ikompli jhawwad lill-imputat u jghidlu li kienu "it-tfal" li marru ghamlu rapport u mhux it-tifla Angie! Infatti a folio 6 hemm imnizzel:
>
> *"Mela tista' tghidilna ghal liema raguni dawn it-tfal tieghek gew sabiex jaghmlu rapport kontra tieghek fuq allegat abbuz sesswali?"*
> …
> *"Imma tista' tispjegalna ghalfejn dawn uliedek gew u ghamlu dan ir-rapport kontra tieghek, fosthom serje ta' reati li graw daqs hames snin ilu?"*
>
> Jinghad però bir-rispett, li l-inqas haga li kellu jigi nfurmat dwarha l-esponenti, poprju sabiex jigi protett id-dritt tieghu li jiddefendi lilu nniffsu huwa li jkun jaf b'xiex kien qed jigi akkuzat u min kien qieghed jakkuzah.
>
> Punt iehor importanti dwar l-istqarrija u l-investigazzjoni hija wkoll il-fatt li fl-ahhar, l-imputat qal lill-Ispettur li ghalih kienet il-kawza tas-separazzjoni li wasslet ghal dan ir-rapport. Infatti l-akkuzat lill-Ispettur fl-ahhar tal-isqarrija qallu:

*"Nghid li nahseb li kien il-kawza li hemm bejni u bejn il-mara fuq il-qsim tas-separazzjoni. Ghax konna lesti ha naghmlu l-kuntratt. Imbaghad inqalghet xi haga dawn l-ahhar m'ilux wisq"*.

Nonostante din l-informazzjoni krucjali però, l-Ispettur ma ndagax dan il-fatt ukoll sabiex jara jekk tali rapport kellux ragunijiet ulterjuri u *hidden agenda*. Anzi, nonostante li fl-istqarrija stess l-imputat semma dan il-punt, in kontro-ezami l-Ispettur jipprova jichad li huwa kien jaf b'din il-kwistjoni ta' qsim tal-proprjetà u jghid:

*"Mistoqsi jekk jiena inhiex edott mill-fatt illi fil-gimgha ta' qabel ma sar ir-rapport kienu qeghdin isiru diskussjonijiet rigward ta' kif kienet ser tinqasam il-propjetà ta' bejn il-konjugi Mercieca nghid illi jiena m'inhix edott minn dan il-fatt"*.

Ai fini ta' kompletezza u b'lealtà lejn il-Qorti, f'kontro-ezami ulterjuri eventwalment jirranga din it-twegiba u jghid:

*"Jiena naf li kien hemm proceduri ta' separazzjoni ghaddejjin u naf li kien hemm xi ftehim li kellu jsir ghar-rigward ta' xi qasma, però jiena ma dhaltx fiha"*.

Però, b'kull dovut rispett dan ma huwiex il-mod ta' kif ghandha ssir investigazzjoni serja u imparzjali, kif *del resto* huwa obbligat li jaghmel kwalsiasi ufficjal investigattiv. Dan qed jinghad ukoll anke *ai termini* tal-artikolu 346 (1) tal-Kodici Kriminali fejn il-pulizija investigattiva ghandha d-dmir li "*tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, [u] li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat*".

## Ittra ta' skuza ghall-akkadut

Fix-xhieda taghha[32] fil-15 ta' Lulju tas-sena 2010 il-*parte civile* esebiet ittra li tghid li kienet irceviet minghand missierha f'Dicembru tas-sena 2009 fil-kaxxa postali tad-dar fejn tirrisjedi hija gewwa Marsalforn.

[32] *A fol.* 199-124

Hija tghid li tiftakar li missierha kien baghtilha messagg fuq il-mobile u qalilha li kien tefghalha ittra fl-istess kaxxa postali.

Fl-ittra jinghad:

> *"…dak li kont ghamilt quddiemek, ma ghamiltux biex nabbuzak jew biex inweggek bhal kif forsi hsibt int, u kellek ragun tahseb hekk ghax hekk kienet tidher il-bicca. Jien qatt ma kont ha nasal biex naghmel hekk. Ma ghamiltx hekk bi skop hazin".*
>
> *" Illum naf li ghamilt haga ta' l-imgienen."*
>
> *"Ma kontx normali u mohhi ma kienx jahdem sewwa ghax zgur li ma kontx naghmel dawn l-affarijiet tal-misthija."*
>
> *"Nixtieq li tifhimni u tahfirli ta' dak kolli li ghamiltlek mil-bidu sa l-ahhar. Dan li qieghed nghidlek huwa verita u mhux ha ndawwar kliem ghax ma ghandix ghalfejn u nittama li permezz ta' din l-ittra intaffilek ftit mill-ugiegh li kellek."*

L-ittra mhux iffirmata u miktuba b'*typewriter*. Skond hi, din kitibha missierha u hija kienet sabitha fil-*letter box* tal-post fejn kienet qed tghix Marsalforn.

L-imputat waqt ix-xiehda tieghu jichad li huwa qatt kiteb tali ittra u talab lill-Qorti sabiex tinvestiga kif tali ittra giet prodotta. Dwar din l-ittra jghid: *"Dik l-ittra, l-ewwel haga ma ktibthiex jien, ghax jien la naf nittajpa u lanqas ghandi typewriter. Jien dik l-ittra ma nafx min kitibha. Hi kellha typewriter.....Però dik l-ittra ma ktibthiex jien."*[33]

Il-*parte civile* tghid li l-ittra giet impustata minn missierha f'Dicembru tas-sena ta' qabel.

---

[33] *A fol.* 386-387

Il-*parte civile* tghid li hija kienet sabet din l-ittra "*Kont sibtha fil-letter box tad-dar fejn nirrisjedi f'Marsalforn*" u li skond hi missierha kien baghtilha messagg u kien qallha li kien hallielha din l-ittra[34].

Fil-kontro-ezami tghid li ratu jitfa' l-ittra fil-*letter box*, mhux semplicement kien hallihielha u qallha biha wara li kien digà inpustaha[35].

Il-verità trid tkun wahda u mhux it-tnejn – jew ratu jitfaghha jew ma ratux. Il-fatt li lanqas hi stess ma hi qed taqbel fuq ic-cirkostanzi ta' kif giet ghandha din l-ittra jitfa' dubji serji dwar il-kredibilità taghha.

Din l-ittra miktuba bit-*typewriter* ma tissemma imkien la mill-Ispettur Josric Mifsud meta jixhed, la mill-*parte civile* stess meta xehdet fit-tul waqt il-*video-conferencing*, u anqas mill-omm.

Il-Qorti ghandha dubji serjissimi dwar l-ezistenza ta' din l-ittra ghaliex jekk veru kien hemm din l-ittra, u tali ittra kienet tezisti fil-hin tar-rapport u qabel, din l-ittra kellha tigi a konjizzjoni tal-Ufficjal investigattiv. Il-Qorti kienet tistenna li l-istess ittra kellha tissemma fl-ewwel xhieda li tat f'dawn l-atti l-*parte civile* u mhux xhur wara li sar ir-rapport u wara li kienet digà tat ix-xhieda taghha b'*video conferencing*.

## KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI

### Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi sabiex tara kif il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fl-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju (*a fol.* 139) datata 21 ta' Dicembru 2010.

[34] *A fol.* 119

[35] *A fol.* 280 – "*Le, le, just tefaghha, rajtu jitfaghha.*" ; *A fol.* 281 – "*Le fis-sens rajtha niezla l-letter, imma lilu ma rajtux wiccu.*"

__**L-ewwel imputazzjoni**__

**Artikolu 203(1) - Korruzzjoni ta' minorenni**

Illi l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 18 u 203 (1)(c)(2)(3) tal-Kodici Kriminali.

Ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa ipotizzat fl-Artikolu 203 li jipprovdi hekk:

> *"kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-eta, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati ...*

Is-sub-artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe':

a. jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
c. jekk id-delitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew izommu.

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu **Notes on Criminal Law**, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta' tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax-il sena;

2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;

3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Il-Professur Mamo jirritjeni li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime... In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by these acts, for example because he or she was to some degree already depraved-whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilement."*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 1975 fl-ismijiet Il-**Pulizija v George Portelli** gie ritenut li l-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni diga' milhuq mill-minuri sabiex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih il-persuna giet korrotta.

Fis-sentenza **Pulizija vs Andrew Bonnici**[36], deciza fit- 23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi:

*"Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il- persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvillup fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita morali tal-minorenni."*

---

[36] Decizjoni tal-Imhallef Vincent De Gaetano

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni l-**Pulizija vs Carmel Callus**[37], deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-8 ta' April 2011 fejn ghalliem ta' skola kien gie akkuzat biss bi ksur tal-artikolu 207 u 209 tal-Kodici Kriminali ghaliex certu studenti allegaw li kien messhom. Hawnhekk, il-Qorti ghaddiet osservazzjoni importanti dwar kif il-fatti gew manipulati u qalet li:

*"Il-Qorti hija partikolarment preokkupata bil-mod kif ir-rakkont inizjali tat-tfal kif jidher minn rizultanzi inizjali tal-Headteacher Carmel D'Amato u ta' l-Assistant Head Miriam Agius gew kompletament sturtati b'mod li tokkament innokwu, ha xejra malinja li wasslu sahansitra biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.....*

*....*

*Ir-raguni principali ghal kif il-fatti ta' dan il-kaz gew stortati b'mod illi hadu xejra maligna, fil-fehma tal-Qorti, kienet illi dawn it-tfal thallew b'mod repetut, u fuq medda gmielha ta' zmien, jitkellmu ma xulxin fuq din l-esperjenza b'rizultat illi tokkament fuq tfal ta' ghaxar snin fuq zona ta' "upper chest" (ta' min jaggungi li fil-maggoranza tal-kawzi tifla ta' ghaxar snin ma jkolliex sider zviluppat) – vicin tal-clavicle – ha xejra ta' tokkament fuq is-sider, waqt li tokkament fuq il-qadd "gie stortat ghal tokkament fuq il-warrani"."*

Dwar l-element tal-ghemil zieni l-Qorti f'din l-istess sentenza qalet hekk:

*"Fejn hu l-iskop libidus?*

*Din il-Qorti ma rrizultalha ebda intenzjoni malinja ta' dan it-tip. Mankanti dan l-element essenzjali wiehed ma jistax isostni l-attentat vjolenti fuq il-pudur b'tokkament ta' tip li gie spjegat f'dawn il-proceduri. Allahares gudikant jasal biex isib htija f'tokkament fuq parti ta' gisem ta' tifel u tifla fl-assenza ta' "skop*

[37] Numru 1030/2009 decizjoni tal-Magistrat Jacqueline Padovani

*di libidine" altrimenti azzjoni protettiva, bhal dik li ghamel l-imputat (meta fetah idejh b'mod orizzontali biex jreggi l-istudenti lura) jew per ezempju sabiex adult iwaqqaf tfal milli jaqsmu bl-addocc, tigi premjata b'akkuza taht l-Artikolu 207!*

*Bl-istess manjiera jekk kemm il-darba l-iskop jew intenzjoni libidinuza jigi eliminat, genitur li jikkoregi lit-tifla tieghu b'daqqa hafifa fuq koxxitha jew fuq il-warrani jista' jsib ruhu mixli b'attentat vjolenti fuq il-pudur tat-tifla tieghu stess. Dan hu manifestament zbaljat u ma jaghmel ebda sens u kien proprju ghalhekk illi fis-sentenza Pulizija versus Spiru Silvio a fol 850 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali siltet differenza f'agir li jsir "bi skop ta' ingurja jew molestja" minn dak li jsir "bl-iskop ta' libidini". Illi di piu` ma jirrizulta ebda interess makabru fuq it-tfal da parti tal-imputat fuq l-apparat tal-computers tieghu."*

Fil-kaz il-**Pulizija vs Ahmed Ali Abutalab**[38], deciz mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-21 ta' Gunju 2001 intqal:

*"Sabiex jissusisti dan r-reat, il-Prosekuzzjoni trid tipprova d-dannu effettiv u ma jistax jigi presunt, imma ghandu jigi ppruvat bhala fenomenu accettabbli u ghalhekk il-legislatur iddispona li l-atti iridu jikkorrompu u mhux sussegwentement jistghu jikkorrompu. Wiehed ghalhekk irid logikament iqis il-persuna u l-att u c-cirkostanzi kollha partikolari ta' kull kaz. Kieku ma kienx hekk il-legislatur kien jghid semplicement u jevita hafna diskussjonijiet, li hu hati ta' korruzzjoni ta' minorenni kull min jikkommetti attijiet ziena fuq il-persuna jew fil-presenza tal-minuri, mentri hu ma jghidx hekk, imma jirrikjedi bhala element essenzjali kostituttiv ta' dan id-delitt li l-hati b'attijiet ziena jikkorrompi, jigifieri jgib il-korruzjoni effettiva tal-minuri li jirrendi d-delitt wiehed ta' natura minn dawk li fid-duttrina jigi klassifikat bhala delitt materjali."*

[38] Numru 521/2000 decizjoni tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera

Fil-**Pulizija vs Raymond Cassar**[39], deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-13 ta' Jannar 2016 intqal li:

> *"Wara li saret din l-esposizzjoni legali dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li ghandha dubji taghha dwar jekk dak li gie rakkontat mill-minuri jikkostitwixxiex atti di libidini. Apparti minn dan, il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel il-prova li l-istess minuri giet effettivament korrotta. Jirrizulta li dakinhar tal-akkadut il-minuri kellha sittax il-sena, u dana jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha (Dok. "JM 1" – a fol. 124), u kienet diga tahdem bhala waitress f'zewg stabbilimenti. Jirrizulta wkoll li wara dak li gara dakinhar tal-akkadut, il-minuri telqet lejn id-dar mifxula u mbezza' pero jinghad ukoll li wara kienet ukoll marret ghax-xoghol. Minkejja dan u minkejja li l-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia (a fol. 237 et seq.) xehdet li rrizultalha li l-minuri baqghet affettwata fuq dak li sar, b'mod specjali kif iggib ruhha mal-irgiel u tghid li l-minuri m'ghadhiex thossha kunfidenti, dan kollu ma giex pruvat. Ma tirrizultax il-korruzzjoni effettiva ta' OMISSIS u stante li l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-agir tal-imputat kien wiehed deplorevoli, madanakollu dan ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi u stante li f'dan il-kaz l-estremi legali rikjesti sabiex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultawx, l-imputat mhux ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk ser jigi liberat minnha."*

Finalment in kwantu jirrigwarda dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza tat-8 ta' Jannar 1996 fil-kawza fl-ismijiet

[39] Numru 70/2010 decizjoni tal-Magistrat Neville Camilleri

**Pulizija vs Thomas Wiffen**[40] dwar l-element materjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u cioe' s-segwenti:-

*"For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts":*

*"Atti di libidine" debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine. Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo e diretto colle funzioni sessuali" (Vol. VIII, parte 3, p.967).*

*Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of*

[40] Decizjoni moghtija mill-Imhallef Vicent De Gaetano

*the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

Dwar ir-rekwizit tal-korruzzjoni *per se* l-istess Qorti tal-Appell fl-imsemmija sentenza qalet hekk:-

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed. As Sir Anthony Mamo points out in his Notes on Criminal Law:*

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime" (p. 226).*

*[..] In other words if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**
**Artikolu 203A – Istigazzjoni ghall-korruzzjoni**

Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dina d-disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar l-istigazzjoni ghall-korruzzjoni ta' minuri. L-Artikolu msemmi jghid hekk:

*"Kull min, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), jeċċita, jgħin jew jiffaċilita l-korruzzjoni ta' persuna ta' taħt l-età tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn …".*

Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq l-ghemil zieni, izda fuq l-eccitament, l-ghajnuna jew il-facilitizazzjoni tal-korruzzjoni tal-minuri.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omar M. Ammar** Z. **Jolgham[41]** deciza fil-15 ta' Frar 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali illiberat lill-appellant mir-reat kunsmat taht l-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, izda sabitu hati tat-tentattiv ta' dan ir-reat, u dana peress illi l-appellant ipprova, bil-kliem li uza kif ukoll bit-tokkamenti, jeccita l-korruzzjoni tal-minorenni izda rnexxielu biss ibezzghu u mhux jikkorrompih.

[41] Appell Kriminali Numru 372/2007 deciz mill-Imhallef Vincent De Gaetano

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota li ma jirrizultax li dak rikjest mill-Artikolu 203A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie pruvat u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati tal-imsemmi Artikolu.

**<u>It-tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Artikolu 251 - ir-rikatt bi vjolenza</u>**

L-artikolu 251 jghid li:

> *"251. (1) Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-aħħar artikolu qabel dan. (2) Jekk il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena msemmija fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan."*

L-artikolu precedenti imsemmi fl-artikolu 251 jghid li:

> *"250. (1) Kull min, bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġ'oħra, jew li jagħmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, ihedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jagħti malafama lil, dik il-persuna jew persuna oħra, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa erba' snin.*
>
> *(2) Kemm-il darba b'dan it-theddid il-ħati jasal fil-ħsieb tiegħu, huwa jeħel il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa ħames snin."*

Mill-provi kollha imkien ma jirrizulta li xi hadd qal f'dawn il-proceduri li l-imputat hedded lil xi hadd f'kaz li huwa ma jaghmilx dak li jrid.

Il-*parte civile*[42] tichad li missierha qatt heddidha fl-ebda kuntest kwalsiasi:

> *"Qorti: Missierek qatt qallek, "Isma ara ma tghidx li ghamiltlek hekk ghax hazin ikun ghalik."*
> *Xhud: Le.*
> *Qorti: Le. Qatt jigifieri ma heddek b'dawn l-affarijiet"*
> *Xhud: Kien jaf li nibza minnu.*
> *…..*
> *Xhud: Ghax qatt ma kont inkellmu. Dejjem jghajjat mieghi. Iwahhal fiha fix-xejn. Jekk tinkisirlu xi haga nehel jien…….".*

## KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI

Il-Qorti tirrimarka li huwa ghajb ghas-socjetà u ghall-familji, meta jithawwdu l-elementi ta' zina (rikjesti ghall-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni) ma' dawk ta' mhabba u rispett ta' genitur fil-konfront tat-tfal tieghu, li nkwetat li t-tfal tieghu huma morda jaghmlilhom dak li ghandhom bzonn u jiehu hsiebhom, ghaliex inkella se naslu fi stat ridikolu.

Inkunu wasalna fi stat fejn il-missier ma jistax jghannaq lil bintu, fejn il-missier jibza jaghti banju lit-tfal tieghu ta' ftit snin ma jmurx jigi akkuzat b'korruzzjoni tal-minuri u ma jistax lanqas biss jikkonsidra li jirrikorri biex jiehu hsieb bintu meta din tkun ghadha zghira u tkun ma' tiflahx.

Dan ikun ghajb ikbar ghas-socjetà in generali u ghall-gustizzja, specjalment tenut kont tal-fatt li qed isiru sforzi kbar sabiex il-

[42] *a fol.* 45

genituri jkollhom sehem indaqs fit-trobbija ta' uliedhom fejn anke dahal il-kuncett ta' *parental leave* li jista' jittiehed mill-missier.

Il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-Qorti diversament preseduta f'kaz ta' rapport li sar mill-mara u t-tfal fil-konfront tar-ragel, fejn illiberat lill-imputat mill-akkuzi kollha li bihom kien rinfaccjat u kkummentat ukoll li mart l-imputat kellha agenda mohbija wara dawn il-proceduri kriminali. Il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"Il-Qorti nnotat li din il-kawza damet ghaddejja kwazi hames snin ghal raguni jew ohra, w rat li bejn il-partijiet hemm* ***mibeghda kbira li sfortunatament qed twassal lill-kwerelanti thejji rapporti fil-konfront ta' zewgha li m'humiex fondati.*** *Sfortunatament il-vittmi f'dan il-kaz huma wlied l-istess kwerelanti w l-imputat li jkollhom jixhdu fi proceduri kriminali fil-konfront ta' missierhom fuq talba t'ommhom. Illi dan kollu ma jawgurax tajjeb u bla dubbju qed jikkreja trawma fl-ulied li ghad iridu jghixu hajjithom ukoll. Il-Qorti tissolecita lill-pulizija esekuttiva sabiex titratta ma' dan il-kaz b'aktar serjeta' w taghmel indagini aktar profonda qabel ma tistitwixxi proceduri ohra.*
>
> *Dwar l-akkuzi li l-imputat saq il-vettura tieghu b'mod traskurat, perikoluz u negligenti w b'velocita' eccessiva, l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda gja msemmija aktar 'il fuq li verament hija skarsa f'dan ir-rigward, u ttenni li dawn l-akkuzi lanqas ma gew provati.* ***Il-Qorti thoss li verament il-kwerelanti ghandha agenda mohbija 'l ghala ghaddiet lil zewgha f'dan il-kaz kriminali.*** *Il-Qorti hija konvinta li l-imputat mhux xi bniedem kalm jew ahjar simpatiku, w dan anke mill-manjiera kif xehed, pero' thoss li l-kwerelanti Maryrose Pisani mhix xhud attendibbli w li rnexxielha tikkonvinci lil uliedha biex jixhdu bil-mod kif xehdu. Meta kienet fil-pedana tax-xhieda kienet wisq prepotenti w riedet tghid iktar milli fil-fatt kienet preparata li tghid, billi zzejjen diskorsha. Uliedha min-naha l-ohra kellhom jigu*

*mghejjuna mill-pulizija biex jixhdu, a kuntrarju ta' ommhom. Il-Qorti nnotat ukoll, minn qari tat- traskrizzjonijiet, li l-konjugi xejn m'huma gentili ma' xulxin u hlief jinsulentaw lil xulxin ma jaghmlux!"*[43]

Illi finalment il-Qorti turi n-niket taghha ghal fatt kif sacerdot li prova jghin fis-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha l-koppja u binthom, sar attentat sabiex jintuza bl-iskop li jkun hemm min jiskurja xi punt waqt dawn il-proceduri. Il-Qorti tfahhar l-impenn ta' hafna sacerdoti li bil-pariri ghaqlin taghhom jigwidaw lil dawk li jitolbuhom l-ghajnuna f'mumenti partikolari ta' krizi. Huwa ta' ghajb kif l-ghajnuna li prova jaghti s-sacerdot Dun Dominic Sultana kien hemm min immanipula kliemu waqt dak li xehed f'dawn il-proceduri. Onestament il-Qorti thoss li dan is-sacerdot ma kellux jintalab jixhed f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota wkoll kif sar attentat biex jiddeffes fil-kaz, l-Arcisqof Emeritu Guzeppi Mercieca, iz-ziju tal-imputat meta l-*parte civile* rrakkuntat dwar laqgha li kellha mieghu dwar il-problemi li kien hemm bejn ommha u missierha.

Il-Qorti turi thassib dwar il-fatt li jirrakkonta l-Avukat Kevin Mompalao dwar it-telefonata li rcieva minghand l-Avukat Noel Bianco li ghal xi zmien kien jippatronizza lil omm il-*parte civile*. Fix-xiehda tieghu l-Avukat Mampalao[44] jghid:

*"Xhud: Niftakar konna qeghdin weekend break bil-familja u kont qieghed fil-by-pass tal-Iklin. Icempilli t-telefon, tfajt ghall-genb u kien Dottor Noel Bianco. U qalli "qed inkellmek fuq Rosalie Mercieca." Ghidtlu "mela ha tassumi l-patrocinju int", jiena. Qalli "le" qalli "se mai forsi nassocja ruhi ma' Dottor Deborah." Qalli: "Dan hemm cans illi jaslu". Ghidtlu "ahna ghamilna proposta." Ghidtlu "speci ta' qed nehodha illi ma gietx accettata*

[43]Numru 494/2006: Il-**Pulizija vs Anthony Pisani**, deciza mill-kollega l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera nhar il-15 ta' Marzu 2011.
[44] *A. fol*. 453-457 fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2016

*dik il-proposta." Ghidtlu "imma you want too much b'dik il-kontro-proposta illi qed taghmlu." Qalli, "ha nghidlek, dan jaqbilhom jirrangaw, ghax dan l-affarijiet ha jikbru." U jiena ha jikbru, ghidtlu "immorru l-Qorti," Qalli "le ha jikbru xorta ohra." Qalli "din se taghmillu rapport mal-pulizija." Ghidtlu rapport mal-pulizija fuq xhiex." Qalli "Uhhhh" u hallieni hekk. Ghidtlu "rapport mal-pulizija fuq xhiex?" Ghidtlu speci ta… Qalli "ghax dan hemm kaz ta' abbuz." Ghidtlu "x'abbuz hu?" Qalli "abbuz fuq it-tfal." Ghidtlu" allura inti qed tagmilhieli forma ta' rikatt din." Ghidtlu "jekk ma nirrangawx, jekk ma naghtukomx li tridu ha tmur taghmlu …" Ghidtlu "jien dawn l-affarijiet ma jaghmlux bija." U niftakar kellimtu daqxejn kif ikolli nkellmu. U baqghet hekk l-affari."*

L-avukati jafu li f'intricci bejn konjugi li jkun qeghdin jisseparaw m'ghandhomx jidhlu bejn il-basla u qoxxritha, izda ghandhom jidderiegu lill-partijiet biss fuq dak li tipprovdi l-ligi u mhux jiehdu inizjattivi li jkunu kif ghamel l-Avukat Bianco "*miexja b'mod azzardat għall-aħħar fuq ix-xifer tal-korrettezza legali u etika ...*"[45].

**Konflitt fil-provi**

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox kunfliggenti. Ghandek misteri u allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika, konflitti ta' interess, uzu ta' professjonisti ghal skopijiet ulterjuri.

Min-naha l-wahda l-*parte civile* dak minnha allegat mal-Pulizija dwar l-abbuz sesswali li sar fuqha mill-imputat u fejn l-imputat min-naha l-ohra qed jichad dak kollu allegat mill-*parte civile*.

[45] Dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-Hamis 3 ta' Dicembru 2015 fil-kawza Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Sergii Nyktiuk** (Att ta' akkuza nru. 19/2011 – moghtija mill-S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri Onor. Imħallef David Scicluna Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon,

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all*

*circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet, jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Versjonijiet differenti**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 ta' Ott****ubru 2006)."*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

Illi min-naha l-ohra meta l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-istqarrija maghmula mill-imputat u x-xhieda minnu moghtija f'dawn il-proceduri setghet tinnota certu konsistenza f'dak li dejjem qal kif ukoll li l-attegjament u l-komportament tieghu ma taw ebda indikazzjoni li huwa ma setax jitwemmen.

Illi bhala rikapitulazzjoni din il-Qorti tghid li wara li hadet inkunsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotti f'dan il-kaz u flietu bil-lenti ndikata mill-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, wara li kkonstatat li r-rakkont tal-*parte civile* ma giex korroborat, din il-Qorti tista' tasal biss ghal konkluzjoni wahda u cioe' li ma tistax tistrieh fuq dak li qalet il-*parte civile*, ommha u l-Ispettur li nvestiga l-kaz u kif qaluh u taht liema cirkostanzi biex issib htija fl-imputat.

**DECIDE**

Wara li aktar 'il fuq saret l-esposizzjoni legali dwar ir-reati li bihom jinsab akkuzat l-imputat, il-Qorti ma jidrilhiex li fil-kaz odjern irrizultaw l-estremi kollha ta' dawn ir-reati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**